MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 56/2011/1

**George Pace**

**v.**

**Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija fid-9 ta' April 2014 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali li

ċaħdet talba tiegħu għal rimedju għal dak li jqis bħala ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq billi ma tħalliex jieħu l-parir ta' avukat meta kien interrogat mill-pulizija waqt investigazzjoni dwar delitt u tteħdulu tliet stqarrijiet f'Settembru tal-2004.

1. L-ewwel qorti fissret hekk il-fatti li wasslu għall-kawża u r-raġunijiet li wassluha biex tiċħad it-talba magħmula fir-rikors tal-attur:

> "Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri r-rikorrenti qed jitlob lill-qorti tiddikjara leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit bl-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-art. 39 l-Kostituzzjoni, u dana wara li kien irrilaxxa stqarrijiet lill-Pulizija mingħajr ma kien assistit minn avukat.
>
> "Jirriżulta illi fl-2004 il-Pulizija interrogat lil George Pace dwar omiċidju li kien seħħ fl-Aħrax tal-Mellieħa fl-1989, *cioè* ħmistax-il sena qabel. Huwa rrilaxxa żewġ stqarrijiet wara li ngħata s-solita twissija. Huwa sussegwentement ġie akkużat in relazzjoni mal-fuq imsemmi omiċidju.
>
> "Jirriżulta illi fit-22 ta' Ottubru 2009 George Pace ġie misjub ħati b'verdett tal-ġurati talli fl-1989 kien kompliċi f'omiċidu u kompliċi ma' persuna li kellha fuqha arma. Permezz ta' sentenza tal-Qorti Kriminali ġiet inflitta fuqu piena ta' tletin sena priġunerija. Din is-sentenza ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju 2011.
>
> "Il-qorti tibda biex tenfasizza li dak li jittutelaw il-Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni huwa:
>
> > ""d-dritt fondamentali għall-smigħ xieraq. Mandankollu, kif irriteniet riċentement il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza <u>Muscat *v.* Avukat Ġenerali</u> (deċiża fit-8 ta' Ottubru 2012), 'ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b'reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li l-akkużat jingħata l-mezzi biex, ħati jew mhux, jinħeles mill-akkuża, jew li, minħabba xi irregolarità, tkun xi tkun, min fuq il-fatti għandu jinstab ħati għandu jitħalla jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu. Il-jedd għal smigħ xieraq ingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanzija xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew b'ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għal hekk, mela hemm xi ħaġa ħażina ħafna fis-sistema tal-ħarsien tad-drittijiet'.

> ""Għaldaqstant l-eżerċizzju li jeħtieġ li jsir minn din il-qorti f'dan l-istadju m'huwiex sempliċiment li tirreġistra n-nuqqas ta' għajnuna legali waqt l-interrogazzjoni tar-rikorrenti. Kif irriteniet il-Qorti Kostituzzjonali fil-fuq ċitata deċizjoni, 'li għandha tagħmel din il-qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u hekk inħoloqx il-perikolu illi l-attur jinstab ħati meta ma kellux jinstab ħati. Jekk ma hemmx dak il-perikolu, mela ma hemmx ksur'.
>
> ""Ebda qorti f'ebda ħin ma stabbiliet prinċipju universali li nuqqas ta' assistenza legali waqt interrogazzjoni awtomatikament jirriżulta f'leżjoni ta' dritt għal smigħ xieraq.
>
> ""Sabiex tistabilixxi l-eżistenza *o meno* ta' leżjoni ta' dritt għal smigħ xieraq, il-proċess fil-konfront tar-rikorrenti odjern irid jiġi mifli fil-kompletezza tiegħu u fiċ-ċirkostanzi kollha tal-istess rikorrenti".

"Il-Qorti Ewropea fil-kaz <u>Imbroscia *v* Switzerland</u> irriteniet ukoll:

> ""The manner in which article 6(1) and 3(c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special features of the proceedings involved and on the circumstances of the case. In order to determine whether the aim of Article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case".

"Kif irriteniet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza <u>Pulizija *v.* Tyrone Fenech</u> (22 ta' Frar 2013):

> ""Il-jedd tal-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni jingħata mhux biex tinħoloq formalità li n-nuqqas tagħha jagħti mezz ta' difiża lill-akkużat: dak il-jedd jingħata għall-iskop preċiż illi jkun hemm garanzija illi kull stqarrija mogħtija mill-persuna interrogata tkun ingħatat b'għażla hielsa, b'għarfien tal-jedd li jibqa' sieket, u bla tehdid, wegħdiet, vjolenza jew b'xi mod ieħor abużivament. Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat".

"Fil-kaz in eżami jirriżulta li George Pace irrilaxxa l-istqarrijiet tiegħu wara li ngħata s-solita twissija. Huwa stess, meta xehed f'dawn il-proċeduri, ikkonferma li "il-pulizija m'heddewnix u lanqas ma sawtuni" (*fol.* 21). Jirriżulta wkoll illi George Pace, fil-kors tal-investigazzjoni, ittieħed fuq il-post tad-delitt. Dwar dan l-Ispettur Chris Pulliċino xehed hekk:

> ""Fuq il-post l-ewwel ma ħadna lil George Pace. Meta morna fuq il-post kif wasalna l-Għadira konna għidna lil George Pace illi minn hemm 'il quddiem kien hu ħa jurina l-post; fil-fatt kien ħadna fit-triq li tagħti lejn l-Għammieri, *cioè* t-triq ta' faċċata tan-niċċa ta' Marfa Road; f'ħin minnhom ġegħlna niksru għal ġos-siġar fuq il-lemin, daħħalna ġo fetħa fil-ħaxix fejn indikalna illi kienu pparkjaw u minn hemm għaddejna minn ġo trejqa sal-kamra fejn ġara l-fatt. Din hija trejqa diffiċli ħafna biex issibha jekk ma tkunx taf eżatt biha għax tgħaddi minn fuq l-irdum tal-Aħrax u tiġi fejn din il-kamra. Daħħalna f'din il-kamra u spjegalna x'kien ġara. Jidhirli li indikalna wkoll fejn kien bil-

> wieqfa u fejn kien bil-wieqfa Carmelo Sant li spara t-tiri u ġie anke fotografat jagħmlilna l-indikazzjonijiet mill-Ispettur Ellul."

"Huwa reġa' għamel l-istess waqt il-ġuri.

"F'dawn il-proċeduri stess, George Pace jikkonferma fix-xiehda tiegħu illi "Waqt l-aċċess kont urejt lill-qorti fejn kont jiena barra mill-kamra". Minn dan jirriżulta illi waqt il-proċess kriminali huwa ma għamel xejn biex ixejjen dak li spjega lill-pulizija, kif *del resto* ma kien għamel xejn biex jikkontesta l-istqarrijiet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja. Anzi wasal biex ikkonfermahom bil-ko-operazzjoni tiegħu.

"Bħal ma rriteniet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza il-Pulizija *v.* Tyrone Fenech (22 ta' Frar 2013):

> ""Din il-qorti ma tistax, bla ma turi nuqqas ta' fiduċja fl-isitituzzjoni ġudizzjarja tal-pajjiż, tgħid illi l-garanzija ta' leġittimità mogħtija bil-preżenza ta' maġistrat ma hijiex, fin-nuqqas ta' prova kontrarja, biżżejjed".

"L-abbli difensur tar-rikorrenti fit-trattazzjoni orali quddiem din il-qorti jistrieh konsiderevolment fuq il-każ ta' Salduz *v.* Turkija (27 ta' Novembru 2008). Din il-qorti tirreferi fil-kuntest għall-kummenti mogħtija fir-rigward mill-Qorti Kostituzzjonali fil-fuq ċitat każ Muscat *v.* Avukat Ġenerali. Dik il-qorti, wara li ddeskriviet il-każ ta' Salduz bħala wieħed estrem u eċċezzjonali, iċċitat minnu s-segwenti bran:

> ""The court further reiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of fair trial. Nevertheless, Article 6 (3(c)) does not specify the manner of exercising this right. It thus leaves to the contracting States the choice of the means of ensuring that it is secured in their judicial systems, the court's task being only to ascertain whether the method they have chosen is consistent with the requirements of a fair trial. In this respect, it must be remembered that the convention is designed to 'guarantee not rights that are theoretical or illusory but rights that are practical and effective' and that assigning counsel does not in itself ensure the effectiveness of the assistance he may afford an accused".

"Il-qorti ma tistax tonqos milli tinnota t-trapass taż-żmien f'dan l-*iter* kollu. L-omiċidju li in konnessjoni miegħu nstab hati r-rikorrenti seħħ fl-1989, l-istqarrijiet lill-Pulizija ġew rilaxxati xejn anqas minn ħmistax-il sena wara, altru milli żmien biżżejjed biex jieħu parir legali; *inoltre* is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ġiet pronunzjata fid-19 ta' Mejju 2011. Kien biss xi xhur wara din is-sentenza li ħass ir-rikorrenti li huwa ġie ppreġudikat fil-proċeduri, dan meta l-każ ta' Salduz kien ilu mill-2008 li ġie maqtugħ mill-Qorti Ewropea ta' Strasburgu.

"Fiċ-ċirkostanzi, għaldaqstant, il-qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tilqa' t-tweġiba tal-intimati, tiċħad it-talbiet ta' George Pace.

"L-ispejjeż jitħallasu minn George Pace."

2. L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors tat-28 t'April 2014 u l-konvenuti wieġbu fil-5 ta' Mejju 2014. L-aggravji tal-attur appellant jidher li huma dawn: (i) illi l-ewwel qorti għamlet apprezzament u interpretazzjoni ħażina tal-liġi meta qalet illi ma kienx hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq għax kien hemm "trapass konsiderevoli taż-żmien" bejn meta seħħ id-delitt, meta ttieħdu l-istqarrijiet, meta ngħatat is-sentenza mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali u meta l-attur fittex rimedju fil-proċeduri tallum; (ii) illi l-attur huwa bniedem li ma jafx jaqra u jikteb u għalhekk il-ħtieġa tiegħu għall-għajnuna ta' avukat kienet aktar urġenti; u (iii) fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem "iċ-ċaħda mill-assistenza legali fiha nfisha awtomatikament tikkostitwixxi ksur tad-dritt għal smigħ xieraq".

3. L-ewwel aggravju tal-attur jolqot il-kumment tal-ewwel qorti illi għalkemm l-istqarrijiet li għamel l-attur wara l-interrogazzjonijiet mill-pulizija kienu saru fl-2004, u s-sentenza ta' Salduz kienet ingħatat fl-2008, kien biss f'dawn il-proċeduri tallum, mibdija fl-2011, illi l-attur ilmenta minn ksur tad-dritt għal smigħ xieraq. L-attur iwieġeb illi:

> "... … ... wieħed ma jistax jippretendi, u dan kif argumentat l-ewwel qorti, illi din it-talba m'għandhiex tiġi milqugħa f'dan l-istadju, la darba ma tqajmittx qabel. Illi l-liġi ma tipprovdi ebda terminu li fih għandha titqajjem din il-lanjanza u għalhekk il-qorti ma tistax tirrestrinġi hi dan it-terminu. ... ... ..."

4. Safejn l-attur qiegħed igħid illi t-talba tiegħu ma għandhiex tiġi miċħuda għar-raġuni biss illi ħalla jgħaddi żmien sostanzjali sakemm ressaq l-

ilment tiegħu, din il-qorti taqbel. Huwa biss bis-saħħa tal-preskrizzjoni jew tad-dekadenza illi l-mogħdija taż-żmien ikollha effett determinanti fuq id-drittijiet u r-rimedji. Madankollu, huwa għalkollox leċitu illi tislet konklużjonijiet oħra – bħal ma huma konklużjonijiet dwar kredibilità – mill-mogħdija taż-żmien. Fil-każ tallum, ma huwiex wisq imġebbed jew irraġonevoli illi tgħid illi, li kieku l-istqarrijiet itteħdulu b’qerq jew b’tehdid, jew b’xi mod ieħor bi preġudizzju inġust, l-attur ma kienx sejjer ma jilmentax dwar hekk bejn l-2004 u l-2011. Ma huwiex imġebbed is-suspett illi tkellem issa għax deherlu li jista’ jifrutta dak li deherlu li evoluzzjoni fil-ġurisprudenza tal-Qorti fi Strasburgo biex jispiċċa u jaħrab mill-konsegwenzi ta’ għemilu

5. Mhux biex iħarsu interessi bħal dawn huma maħsuba d-drittijiet fondamentali.

6. Fit-tieni aggravju tiegħu l-attur igħid illi huwa bniedem vulnerabbli għax ma jafx jaqra u jikteb u ma jifhimx kliem “tqil” bħal dak li kellmuh bih il-pulizija waqt l-interrogazzjonijiet. Fix-xiehda tiegħu quddiem l-ewwel qorti qal hekk:

> “Jiena ma kellix avukat meta kellmuni l-pulizija. Jien għandi ngħid illi meta kellmuni l-pulizija bdew ikellmuni b’ċertu diskors u jien igħiduli x’igħiduli, tajjeb jew ħażin, bdejt ngħidilhom iva. Il-pulizija bdew jissuġġerixxu huma x’seta’ ġara u jien bdejt ngħidilhom iva. Bdejt ngħidilhom kollox iva u le. Jiena bdew igħiduli diskors iebes illi jien ma kontx qed nifhmu. Il-pulizija ma heddewnix u lanqas ma sawtuni. Il-kliem li kellmuni bih il-pulizija kien kliem tqil illi jien ma bdejtx nifhmu.
>
> “… … …

> "Jiena ma nafx naqra. Lanqas ismi ma naf nikteb. Ċertu affarijiet irrispondejthom, però ma bdeitx nifhimhom sewwa. Jien jidhirli li irrispondejt kollox.[1]"

7. Li kieku dan kien tassew minnu kien sejjer, waqt il-ġuri, ma jgħid xejn dwar kif itteħdulu l-istqarrijiet? Waqt il-ġuri l-attur kellu avukat u, li kieku kien tassew minnu illi ma fehemx x'kien qiegħed jingħadlu u x'kien qiegħed iwieġeb waqt li kienu qegħdin jitteħdulu l-istqarrijiet, wieħed kien jistenna li l-Avukat tiegħu jressaq dan il-punt quddiem l-ġurati li iżda dan ma għamlux

8. Lanqas ma hu irrelevanti illi fis-silta miġjuba fuq mix-xiehda tiegħu l-attur giddeb lilu nnifsu. L-ewwel ta x'tifhem li għal kull ma l-interrogaturi issuġġerewlu li ġara huwa qabel miegħu – "igħiduli x'igħiduli, tajjeb jew ħażin, bdejt ngħidilhom iva" – u mbagħad qal illi "bdejt ngħidilhom kollox iva u le", li jfisser li fehem biżżejjed x'kienu l-mistoqsijiet biex għal xi wħud iwieġeb "iva" u għal oħrajn "le". Mhux ta' b'xejn illi, meta irriproduċa din is-silta mix-xiehda fir-rikors tal-appell tiegħu, din il-parti, fejn qal li wieġeb drabi "iva" u drabi "le", ħallieha barra.

9. Jekk tara l-istqarrijiet imbagħad tara illi ma huwiex minnu illi t-tweġibiet kienu biss "iva" jew "le": kienu tweġibiet ta' min kien qiegħed jifhem sew il-mistoqsijiet u li kien jaf x'kien qiegħed iwieġeb. U kemm tassew l-attur kien għamel l-istqarrija minjeddu, u għax ried, jixhdu kliemu stess waqt l-istqarrija lill-pulizija tal-5 ta' Settembru 2004:

---

[1] Xiehda tal-attur fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2012 quddiem l-ewwel qorti, *fol.* 21 tal-proċess tal-ewwel qorti.

> *"Sir*, jiena għidtilkom il-verità: naħilfilkom fuq marti u fuq uliedi. *Jiena issa striħajt, allavolja ħa nbati, imma striħajt*."[2]

10. Kliem elokwenti li juri li kien ta' serħan għall-attur li jistqarr ħtijietu u li l-istqarrija mhux talli ma tteħditlux b'qerq jew b'tehdid jew b'biża', iżda li anzi hu stess fil-kuxjenza ħass il-ħtieġa li xi darba jagħmilha għax, kif igħidu, id-dnub ma jorqodx.

11. Relevanti wkoll dak li xehed l-Ispettur Chris Pullicino quddiem l-ewwel qorti fit-23 ta' Ottubru 2012:

> "Mhuwiex minnu dak li qed jiġi ssuġġerit illi kelna xi problema ta' komunikazzjoni miegħu minħabba l-livell ta' edukazzjoni li għandu. Għandi ngħid illi jiena kont konvint b'dak li qalli għaliex li qalli kien korroborat b'xiehda oħra."[3]

12. Ix-xiehda tal-attur fil-proċeduri tallum, fejn igħid illi ma fehemx x'kienu qegħdin igħidulu l-pulizija li interrogawh, hija evidentement xiehda orkestrata. Lanqas biex igħin lill-klijent tiegħu joħroġ bi stejjer konvenjenti bħal din ma hu maħsub id-dritt għall-għajnuna ta' avukat.

13. It-tieni aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

14. Fit-tielet aggravju l-attur igħid illi "ċ-ċaħda mill-assistenza legali fiha nfisha awtomatikament tikkostitwixxi ksur tad-dritt għal smigħ xieraq" u irrefera għall-każijiet <u>Salduz *v.* It-Turkija</u>[4], <u>Dayanan *v.* it-Turkija</u>[5],

---

2 *Fol.* 79 tal-proċess tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja; enfasi miżjud.

3 *Fol.* 38 tal-proċess tal-ewwel qorti.

4 27 ta' Novembru 2008, rik. 36391/02.

5 13 ta' Ottubru 2009, rik. 7377/03.

Demirkya *v.* It-Turkija[6], Pavlenko *v.* Ir-Russja[7], Pishchalnikov *v.* Ir-Russja[8] u Brusco *v.* Franza[9], ilkoll quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

15. L-Avukat Ġenerali wieġeb illi:

> "... … ... bħala prinċipju ma jeżisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali iżda ... jeżisti biss dritt fundamentali ta' smigħ xieraq meta persuna tkun akkużata b'reat kriminali. Kull meta l-Qorti Ewropea sabet li kien hemm ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq minħabba n-nuqqas ta' assistenza minn avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija, dejjem ikkwalifikat il-ġudizzju tagħha u qalet li jekk eventwalment il-persuna ma kinitx ser ikollha smigħ xieraq fil-proċeduri kriminali, allura l-persuna għandha dritt tkun assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni. L-esponenti jirrilevaw li ċertament li mhux il-kaz li l-Qorti Ewropea qalet li jekk persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni, allura awtomatikament dik il-persuna sofriet ksur ta' dritt ta' smigħ xieraq."

16. Din il-qorti tibda biex tgħid illi qiegħed igħid sew l-Avukat Ġenerali illi d-dritt li tagħti l-liġi huwa dak għal smigħ xieraq u mhux għall-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni. Iċ-ċaħda ta' dik l-għajnuna tista' twassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq mhux *ipso facto* iżda jekk, minħabba f'dak in-nuqqas, l-attur ikun ġarrab preġudizzju inġust fid-drittijiet proċedurali tiegħu. Iżda l-effett ta' dak in-nuqqas għandu dejjem jitqies mhux bħala episodju iżolat li, għalhekk biss u irrispettivament miċ-ċirkostanzi kollha, jikkostitwixxi ksur, iżda fil-kuntest

[6] 13 ta' Ottubru 2009, rik. 31721/02.

[7] 1 ta' April 2010, rik. 42371/02.

[8] 24 ta' Settembru 2009, rik. 7025/04.

[9] 14 ta' Ottubru 2010, rik. 1466/07.

tal-proċess sħiħ, kif ġustament osservat l-istess Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' fil-każ ta' Imbrioscia *v.* L-Isvizzera[10]:

> "Other requirements of Article 6 – especially of paragraph 311 – may also be relevant before a case is sent for trial *if and in so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with them*."12

17. Ukoll fil-każ ta' Ahmet Mete *v.* it-Turkija13 il-Qorti Ewropeja ma sabitx ksur, għalkemm f'dan il-każ ukoll ir-rikorrent għamel stqarrija mingħajr ma kellu għajnuna ta' avukat. Il-qorti qalet hekk:

> "26. … … … [E]ven assuming that the authorities refused to assign him a lawyer, despite his explicit request, the Court is of the opinion that the lack of legal assistance at the early stage of the proceedings did not deprive the applicant of a fair hearing. In reaching this conclusion, the Court has taken into account the entirety of the proceedings, in particular the fact that the applicant had a lawyer throughout the proceedings before the İzmir State Security Court and the Court of Cassation. Moreover, the Court notes that the İzmir State Security Court based its final decision, not only on his statements given in police custody but also on his statements given during the hearings, his confessions made before the public prosecutor and the statements of the other accused. … … …
>
> "27. The applicant's lack of access to legal assistance during the preliminary investigation cannot, therefore, be considered to have deprived him of a fair trial within the meaning of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention.
>
> "28. The Court concludes that this complaint is manifestly ill-founded within the meaning of Article 35 § 3 of the Convention and must, therefore, be declared inadmissible."

18. Tassew illi jidher illi f'sentenzi aktar riċenti l-Qorti Ewropeja x'aktarx bidlet l-atteġġjament, u tidher li trid tagħti x'tifhem illi l-għajnuna ta' avukat f'kull waqt tal-proċess penali, sa mill-ewwel interrogazzjoni, hija fattur *sine qua non* għal smigħ xieraq. Hekk, fil-każ ta' Salduz v. it-Turkija osservat illi:

> "5. … … … the Court finds that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not

---

[10] 24 ta' Novembru 1993, rik. 13972/88.

[11](3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin: … … …(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess.

[12] Para. 36; enfasi miżjud.

[13] 25 ta' April 2006, rik. 77649/2001.

unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction."

19. Għandu jingħad iżda illi, kif osservat l-istess qorti ewropea fil-każ ta' Brincat u oħrajn *v.* Malta14, ma għandux jingħata "*a very broad reading of the Court's case-law*"15, fis-sens illi kull sentenza għandha tinqara fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, u mhux neċessarjament toħloq preċedenti u regoli ta' applikazzjoni universali, li, wara kollox, hija setgħa mħollija f'idejn l-organu leġislativ u mhux f'idejn dak ġudizzjarju.

20. Iċ-ċirkostanzi tal-każ ta' Salduz, kif ġà kellha okkażjoni tosserva din il-qorti16, kienu estremi u eċċezzjonali. L-akkużi miġjuba kontrieh mill-istat tork kienu x'aktarx ta' natura politika – kien mixli, u eventwalment instab ħati, talli ħa sehem f'attività ta' partit politiku u waħħal strixxun (*banner*) bil-kliem "*Long live the leader Apo*" – u kellu biss sbatax-il sena meta ġie interrogat u ammetta dan kollu mingħajr ma ngħata l-għajnuna ta' avukat. Meta, iżda, jumejn wara, reġa' ġie interrogat mill-maġistrat inkwirenti ċaħad l-akkużi u qal illi l-ammissjoni kien għamilha taħt tehddid, swat u maltrattament fiżiku u psikoloġiku mill-pulizija. Ma kien hemm xejn minn dawn iċ-ċirkostanzi estremi u eċċezzjonali fil-każ tal-attur tallum.

21. Fil-każ ta' Dayanan, iżda, il-qorti fi Strasburgo ħadet posizzjoni aktar radikali u qalet hekk:

"30. In relation to the absence of legal assistance in police custody, the Court reiterates that the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of a fair trial ... ... ...

"31. The Court considers that the fairness of criminal proceedings against accused persons requires as a general rule, for the purposes of Article 6 of the Convention, that they be able to obtain legal assistance as soon as he they are placed in custody or pre-trial detention.

"32. In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case-law, an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being

---

14 24 ta' Lulju 2014, rikk. 60908/11, 62110/11, 62129/11, 62312/11 u 62338/11.

15 Para. 67.

16 Ara *e.g.* Charles Steven Muscat *v.* Avukat Ġenerali, 8 ta' Ottubru 2012, rik. Kost. 75/2010.

questioned … . Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the fundamental aspects of that person's defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention.

"33. In the present case it is not disputed that the applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force … . A systematic restriction of this kind, on the basis of the relevant statutory provisions, is sufficient in itself for a violation of Article 6 to be found, notwithstanding the fact that the applicant remained silent when questioned in police custody.

"34. Accordingly, the Court finds that there has been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1."

22. Madankollu, għalkemm din id-deċiżjoni tidher x'aktarx kategorika ma jidhirx li hija interpretazzjoni għalkollox korretta tal-artikolu 6. Fil-fatt, fil-każ ta' Demirkaya, li nqata' dakinhar stess tal-każ ta' Dayanan mill-istess taqsima tal-qorti, ġie riaffermat il-prinċipju illi:

"13. The Court recalls that, in assessing whether or not a trial was fair, regard should be had to the entirety of the proceedings ... ... ..."

23. Kompliet tgħid hekk:

"15. The Court observes that the applicant's right of access to a lawyer was restricted during his police custody pursuant to Section 31 of Law no. 3842, as he was accused of committing an offence falling within the jurisdiction of the State Security Courts. As a result, he did not have access to a lawyer during his interrogation by the police and the public prosecutor. Moreover, the Court observes that during his police interrogation, the applicant accepted the charges against him and this statement was subsequently used for his conviction by the trial court. The Court takes note of the fact that the applicant had legal representation during his questioning by the investigating judge. However, in the present case, the applicant was undoubtedly affected by the absence of a lawyer when his statement had been taken by the police as, although the applicant repeatedly denied his police statement, the State Security Court used this statement as the main evidence. The Court further finds it significant that the police statement of N.S., although retracted subsequently during the trial, was also used to confirm the applicant's police statement.

> "16. In view of the foregoing, the Court considers that neither the assistance provided by a lawyer during the interrogation by the investigating judge, nor the adversarial nature of the subsequent criminal proceedings could cure the defects which occurred during the applicant's questioning by the police."

24. Relevanti illi l-akkuża kontra Demirkaya, bħal kontra Salduz, kienet ta' natura x'aktarx politika, għax ġie mixli illi kien imsieħeb ma' organizzazzjoni politika – *PKK*, il-partit tal-Ħaddiema tal-Kurdistan – illeċita taħt il-liġi torka, illi waqt il-proċeduri kriminali ċaħad dak li kien stqarr quddiem il-pulizija, u illi dik l-istqarrija, u stqarrija oħra ta' xhud meħuda fl-istess ċirkostanzi u li wkoll sussegwentement ġiet miċħuda minn min għamilha, kienu x-xiehda ewlenija – "*the main evidence*" – kontrieh.

25. Fil-każ ta' Pishchalnikov ukoll il-Qorti Ewropea osservat illi:

> "64. The Court further reiterates that the compliance with the requirements of fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of the isolated consideration of one particular aspect or one particular incident."

26. Dan juri illi diffiċilment tirrikjonċilja l-posizzjoni li qiegħed jieħu l-attur illum ma' dik aktar serena u raġunata fil-każijiet ta' Imbrioscia u Ahmet Mete. Diffiċli wkoll tirrikonċiljaha mal-posizzjoni li dejjem ħadet il-Qorti Ewropea, u li, kif rajna, ġiet ri-affermata anki riċentement, illi, biex tqis jekk kienx hemm smigħ xieraq, trid tqis il-proċedura fl-intier tagħha u mhux fid-dawl ta' episodji isolati li ma jkollhomx effett hekk drastiku fuq il-proċediment illi jikkontaminawh irrimedjabilment. Diffiċli wkoll tirrikonċiljaha mal-fatt illi d-dritt li tagħti l-Konvenzjoni huwa dak għal smigħ xieraq, u mhux dak li kull nuqqas proċedurali jagħti lill-akkużat, ħati jew mhux, dritt awtomatiku li jiġi liberat. Id-drittijiet imħarsa huma drittijiet "fondamentali" mhux formali jew mekkaniċi; iħarsu interessi fondamentali ta' ġustizzja mhux l-interess ta' kull akkużat li b'xi mod jew ieħor jiġi liberat, ukoll meta *aliunde* hemm xiehda biżżejjed kontrieh. Mhux ta' min ninsew illi mhux l-akkużati għandhom id-drittijiet fundamentali tagħhom, filwaqt li jixraq li jingħaraf ukoll id-dritt daqstant ieħor

fondamentali ta' kull persuna u kull vittma potenzjali tal-kriminalità li titħares mill-ħsara li ġġib magħha d-delinkwenza.

27. Din il-qorti għal darba oħra ttenni illi l-jedd li jagħtu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak għal smigħ xieraq: ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b'reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li l-akkużat jingħata l-mezzi biex, ħati jew mhux, jinħeles mill-akkuża, jew li xiehda kontrieh tiġi skartata, jew li, minħabba xi irregolarità, tkun xi tkun, min fuq il-fatti għandu jinstab ħati għandu jitħalla jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu. Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew b'ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu meta l-atti tal-proċeduri jagħtu biżżejjed affidament sabiex il-ġudikant jista' serenement jasal għall-ħtija; ma jingħatax biex tingħata l-libertà lill-ħatja. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għal hekk, ikun oltraġġ għall-kunċett innifsu tad-drittijiet fondamentali.

28. Din il-qorti għalhekk terġa' ttenni li dak li għandha tagħmel ma' la li tara jekk l-attur huwiex ħati jew le tal-akkużi li nġiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li għandha tagħmel din il-qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx għall ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u hekk inħoloqx il-perikolu illi l-attur jinstab ħati meta ma kellux jinstab ħati. Jekk ma hemmx dak il-perikolu, mela ma hemmx ksur.

29. Huwa relevanti qabel xejn il-fatt illi sakemm fetaħ il-kawża tallum fit-28 ta' Awissu 2011 – wara li kienet magħrufa s-sentenza ta' Salduz – l-attur qatt ma fittex li jieħu lura l-istqarrija li kien għamel jew li jiċħad dak li qal fiha, bħal ma kienu għamlu l-istess Salduz u Demirkaya. Anzi, meta quddiem il-Qorti Kriminali l-

prosekuzzjoni talbet li kopja tal-istqarrija titqassam lill-ġurati, l-avukat tal-attur ma opponiex17. Ukoll, meta l-avukat tal-attur osserva illi bejn l-istqarrija tat-2 ta' Settembru 2004 u dik tal-5 ta' Settembru 2004 għaddew aktar minn tmienja u erbgħin siegħa li matulhom "presumibilment" l-attur kien inżamm arrestat, kompla fisser illi dan kien qiegħed igħidu "*mhux biex jimpunja l-validità tat-tieni stqarrija* tal-5 ta' Settembru imma ... ħalli jispjega xi inkonsistenzi bejn l-ewwel u t-tieni *statement*"18.

30. Dan kollu huwa sinjal illi waqt il-proċess penali l-attur stess ma kienx qiegħed iħoss illi tqiegħed taħt svantaġġ inġust bl-istqarrijiet li kien għamel liberament u wara li ngħata t-twissija li trid il-liġi.

31. Relevanti wkoll illi l-attur reġa' tenna l-istqarrija tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fit-3 ta' Settembru 2004, fejn il-preżenza tal-maġistrat, uffiċjal ġudizzjarju indipendenti mill-pulizija, hija garanzija biżżejjed illi l-istqarrija tingħata b'għażla ħielsa, volontarjament, u ma tiġix imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi. Din il-qorti ma tistax, bla ma turi nuqqas ta' fiduċja fl-istituzzjoni ġudizzjarja tal-pajjiż, tgħid illi l-garanzija ta' leġittimità mogħtija bil-preżenza ta' maġistrat ma hijiex, fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, biżżejjed19.

32. Barra minn hekk, l-istqarrijiet tal-attur quddiem il-pulizija ma kinux ix-xiehda waħdanija li wasslet għall-kundanna tiegħu. Li kieku l-ġurati qagħdu biss fuq l-istqarrijiet ma kinux isibuh ħati ta' kompliċità f'omiċidju għax, kif osserva l-attur stess fir-rikors tal-appell tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali:

> " ... ... ... għad li l-appellant mill-bidunett ammetta l-konvolviment tiegħu fis-serqa innega persistentement li huwa b'xi mod kien jaf li Nazzareno Ebejer kellu attwalment jiġi maqtul. Din id-domanda saritu b'mod eżawrjenti matul l-investigazzjonijiet kollha li saru però huwa dejjem ċaħad l-involviment tiegħu fl-omiċidju volontarju."

---

[17] Ara l-verbal tas-seduta tad-19 ta' Ottubru 2009 quddiem il-Qorti Kriminali.

[18] Ara l-verbal tas-seduta tal-20 ta' Ottubru 2009 quddiem il-Qorti Kriminali; enfasi miżjud.

[19] Ara Pulizija *v.* Tyrone Fenech, u Pulizija *v.* Amanda Agius, Kost. 22 ta' Frar 2013.

33. Għal dawn ir-raġunijiet kollha l-qorti hija tal-fehma illi l-attur ma ġarrab ebda preġudizzju bit-teħid tal-istqarrijiet tiegħu u, meta tqis il-proċess kollu fl-intier tiegħu, tgħid illi ngħata smigħ xieraq kif trid il-liġi.

34. L-aħħar aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

35. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u tikkundanna lill-attur appellant iħallas l-ispejjeż kollha tal-appell.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------